# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 320/15/1 LM**

**Joseph Azzopardi**

**v.**

**Meir Assouline u Joseph Dorian Fava**

1. Din hija kawża għad-danni intavolata mill-attur wara nċident awtomobilistiku li seħħ fl-20 ta' Novembru, 2014, għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl bejn il-vettura misjuqa minnu tat-tip Mercedes Benz u l-vettura misjuqa minn Meir Assouline ukoll tat-tip Mercedes Benz. L-attur jallega li l-inċident seħħ unikament tort ta' Assouline li nvada l-karreġġjata tiegħu waqt li kien qiegħed isuq fid-direzzjoni opposta. Minn naħa tiegħu Assouline jsostni li fil-fatt kien l-attur li nvada l-karreġġjata tiegħu. Fava

jsostni li ma jirrispondix għal kwalunke danni subiti mill-attur għaliex meta ġara l-inċident in kwistjoni huwa kien laħaq biegħ il-vettura lil Assouline, għalkemm kienet għadha tidher irreġistrata fuq ismu peress li t-trasferiment uffiċjali kien għadu ma sarx.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess illi ġarrab r-rikorrent;
>
> 2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) jew somma oħra verjuri, occorendo bl-opera ta' periti nominandi;
>
> 3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallas lir-rikorrent is-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), jew somma oħra verjuri.
>
> Bl-ispejjeż tal-preżenti u dawk tal-ittra uffiċjali preżentata llum kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat, bl-imgħax skont il-liġi kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."

3. Joseph Dorian Fava eċċepixxa, *inter alia,* li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ġara tort tal-attur Joseph Azzopardi minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, li huwa ma jistax jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur u għalhekk it-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli fil-konfront tiegħu u li l-attur għandu jġib prova tad-danni.

4. Meir Assouline eċċepixxa, *inter alia*, li l-inċident seħħ tort tal-attur, li l-ebda danni m'għandhom jiġu likwidati favur l-attur, u fi kwalunke każ

id-danni reklamati mill-attur huma kontestati u għandhom jiġu pruvati minnu.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Settembru, 2017, ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:
>
> (1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti Meir Assouline u Joseph Dorian Fava;
>
> (2) Tiddikjara li l-konvenut Meir Assouline kien unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fl-20 ta' Novembru, 2014, meta l-attur kien qed issuq il-vettura tiegħu tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 012, fi Triq Bella Vista San Ġwann, u din sfat milquta mill-vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635, li kienet misjuqa minn Meir Assouline, proprjetà ta' Joseph Dorian Fava;
>
> (3) Tillikwida id-danni sofferti mill-attur Joseph Azzopardi fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) u tikkundanna lill-konvenuti Meir Assouline u Joseph Dorian Fava jħallsu in solidum bejniethom lill-attur Joseph Azzopardi s-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), bl-imgħax mid-data tas-sentenza.
>
> Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittri uffiċjali ppreżentati mill-attur kontestwalment mar-Rikors Maħluf, a kariku tal-konvenuti Meir Assouline u Joseph Dorian Fava in solidum bejniethom."

6. Il-konvenuti preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-16 ta' Ottubru, 2017, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-konvenuti appellanti mhumiex responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur, u għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

7. L-attur appellat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-6 ta' Novembru, 2017, permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata *in toto,* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti u bl-imgħax legali.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

8. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-inċident in kwistjoni seħħ tort ta' Meir Assouline għaliex mill-provi jirriżulta li kien l-attur li kien unikament responsabbli għal dan l-iskontru. Jargumentaw li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċata b'verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin għaliex fil-verita` l-attur biddel drastikament il-verżjoni tiegħu. Jgħidu li meta xehed in eżami l-attur qal li kien ċert li Assouline kien qiegħed isuq fuq in-naħa tiegħu tat-triq iżda in kontroeżami din iċ-ċertezza tmajna u tisfuma fix-xejn, partikolarment meta kien qiegħed iwieġeb għal domandi dwar il-marki tar-rota tal-vettura tal-konvenut Assouline u d-*debris* li huma prova oġġettiva li juru li Assouline kien fuq in-naħa t-tajba tat-triq. Isostnu li f'dan il-mument l-attur biddel il-verżjoni tiegħu u qal li Assouline kien qiegħed isuq lejn in-nofs tat-triq u nnega li kien qal li Assouline kien qiegħed isuq kompletament fuq in-naħa tiegħu

tat-triq. Jżidu li a *tempo vergine* kif irrapportat fl-okkorrenza relattiva, imkien ma jingħad mill-attur li l-vettura tal-konvenut kienet qed tinstaq fuq il-karreġġjata tiegħu, u qal biss li sab il-vettura ma' wiċċu tant li l-impatt kien *head on*. Jargumentaw li għalhekk huwa inkonċepibbli li l-Ewwel Qorti qieset li l-verżjoni tal-attur baqgħet konsistenti mill-mument tal-inċident u tul is-smigħ kollu tal-kawża. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li Meir Assouline ma kienx konsistenti fil-verżjoni tiegħu għaliex ma hemm l-ebda diskrepanza bejn il-verżjoni mogħtija minnu lill-pulizija u dik mogħtija quddiem il-Qorti. Isostnu li d-differenza fil-verżjonijiet hija biss ir-riżultat ta' rakkont aktar dettaljat ta' dak li seħħ, u jżidu li l-okkorrenza hija bil-Malti u Assouline ma jifhimx bil-Malti u għalhekk huwa evidenti li hija biss traduzzjoni qasira ta' dak li fehem l-uffiċjal investigattiv, oltre li ma ġietx ikkonfermata bil-ġurament mill-uffiċjal investigattiv. Fir-rigward ta' Donna Ohayan jgħidu li din ġiet midruba serjament fl-inċident u għalhekk diffiċli wieħed jippretendi li kellha tagħti aktar dettalji milli tat lill-pulizija f'dak il-mument. Jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li l-attur għażel li ma jagħmel l-ebda kontroeżami tax-xhieda prodotti minnhom u dan in-nuqqas teknikament jammonta għall-aċċettazzjoni tal-verżjoni mogħtija minn dawk ix-xhieda min-naħa tal-attur. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti kellha tagħti importanza lill-unika prova oġġettiva li f'dan il-każ hija *tyre mark* murija fir-ritratt mmarkat bħala Dok XYZ li jindika b'mod ċar u inekwivoku li l-marki mħollija mill-vettura konvenuta bdew fuq il-karreġġjata tagħha u spiċċaw għal fuq il-karreġġjata opposta fejn waqfet il-vettura. Jgħidu li li kieku l-

vettura verament kienet qed tinstaq fuq il-karreġġjata l-ħażina il-marki kienu jkunu pożizzjonati f'dik il-karreġġjata , u għalhekk din il-prova ma kellhiex tiġi skartata mill-Ewwel Qorti. Jżidu li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-vettura misjuqa minn Assouline setgħet ġiet imbuttata lura mal-impatt qabel ma kompliet issuq 'il quddiem hija xi ħaġa li fiżikament qatt ma setgħet tiġri. Iżidu li l-attur kien qiegħed isuq għan-niżla u mill-provi jirriżulta li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva li jindika li tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u ħareġ fil-karreġġjata opposta fejn kien qiegħed isuq Assouline. Isostnu li l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-attur u fiċ-ċirkostanzi odjerni għandha tkun favorita t-teżi tal-konvenuti li kontra tagħhom saret l-allegazzjoni.

9. L-attur iwieġeb li l-argument tal-appellanti li kien huwa li kien responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri qatt ma jista' jirnexxi fid-dawl tal-provi indisputabbli li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Jargumenta li l-barxa friska u fonda li tinsab fil-karreġġjata tal-attur magħmula mill-vettura tiegħu stess, li tidher fir-ritratt a *fol.* 56 turi li l-impatt seħħ fil-karreġġjata tiegħu għaliex dik il-barxa saret meta nqalgħet ir-rota tan-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħu bil-konsegwenza li dik il-parti tal-vettura mingħajr rota barxet it-triq. Iżid li kienet il-vettura tiegħu biss li nqalgħatilha waħda mir-roti tagħha, u l-fatt li l-vettura tal-attur barxet it-triq minħabba li kompliet miexja fuq tliet roti ġie kkonfermat ukoll mill-konvenut Assouline, u jagħmel referenza għar-ritratt a *fol.* 58 li jgħid li jagħti stampa ċara ta' kif il-vettura tiegħu barxet il-wiċċ tat-triq.

Jargumenta wkoll li l-post fejn tinsab ir-rota maqlugħa mill-vettura tiegħu kif jidher fir-ritratt esebit minn Assouline stess a *fol.* 138 juri li l-*point of impact* kien fil-karreġġjata tal-attur ikkonsidrat li r-rota kienet tinsab f'din il-karreġġjata , filwaqt li aktar 'il quddiem seħħet il-barxa fuq wiċċ it-triq. Isostni li l-brix taż-żewġ roti tan-naħa tax-xellug tal-vettura tiegħu jikkorrobora t-teżi tiegħu li huwa kien fil-karreġġjata t-tajba u għafas mal-bankina sabiex jipprova jevita l-impatt, peress li dan il-grif fuq ir-roti tan-naħa tal-lemin sar meta barax ir-roti mal-bankina waqt li kien qiegħed jipprova jevita l-impatt, u jagħmel referenza għar-ritratti li jinsabu a *fol.* 58 li juru l-brix fuq dawn ir-roti. Iżid li inoltre, fir-ritratt esebit minn Assouline a *fol.* 140 tidher pjanċa bajda li waqgħet mill-vettura tiegħu, min-naħa tal-passiġġier u jargumenta li din hija prova ulterjuri li l-impatt seħħ fil-karreġġjata tal-attur għaliex l-unika spjegazzjoni ta' kif dik il-parti tal-vettura qiegħda fuq in-naħa tal-bankina tan-naħa tax-xellug tat-triq huwa proprju li din inqalgħet wara li huwa barax ir-roti tiegħu mal-istess bankina minħabba l-impatt. Jargumenta li dawn huma kollha provi ċari u indiskutibbli li jikkonfermaw li huwa kien qiegħed isuq fil-karreġġjata tiegħu u li kien il-konvenut li nvada l-karreġġjata u kkawża l-impatt, kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti dwar il-*brake marks* li jidhru fir-ritratt a *fol.* 137 (esebit ukoll bħala Dok XYZ) isostni li kif inhuma dawn il-*brakemarks* jindikaw u jikkonfermaw li dawn seħħew meta l-vettura tal-appellanti kienet diġà tilfet il-kontroll u għalhekk il-lok ta' fejn huma ma jippruvawx fejn kienet il-vettura tal-konvenut qabel l-impatt.

10. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi kwantu għall-kweżit dwar min kien effettivament responsabbli għall-inċident de quo, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin. L-attur jgħid li l-konvenut Assouline kien qed isuq fil-karreġġjata żbaljata u minħabba il-liwja pjuttost qawwija, u ż-żewġ partijiet jaqblu li fil-fatt kienet liwja pjuttost qawwija, meta raw lil xulxin ma kienx hemm biżżejjed żmien biex il-vettura misjuqha mill-konvenut tilħaq ddur għal fuq in-naħa tagħha u l-attur ma kellux spazju li jersaq iktar 'il ġewwa fil-karreġġjata tiegħu, b'parti mill-vettura tal-konvenut għadha ma ħarġitx mill-karreġġjata tal-attur.

Illi min-naħa tiegħu l-konvenut Assouline jikkontendi li kien l-attur li fil-liwja rah ġej bi speed qawwi u f'daqqa waħda kiser għall-karreġġjata tiegħu u saret il-ħabta. Din il-verżjoni tal-konvenut Assouline hija kkorroborata minn Donna Ohayon, passiġġiera fis-seat ta' wara tal-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline fil-mument tal-inċident. Din il-verżjoni hija kkorraborata wkoll minn David Marciano, passiġġier li kien fis-seat ta' quddiem fil-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline, li tfaċċa fil-kawża għax ma jissemmiex fir-rapport tal-Pulizija bħala passiġġier. Fir-rapport tal-Pulizija tissemma biss Donna Ohayon u dan minkejja iż-żmien twil li damu l-pulizija fuq il-post tal-inċident, in vista tal-fatt li Donna Ohayon kellha tittieħed l-isptar, u l-ewwel jiġi kkonfermat l-estent tal-feriti li kellha, jiġu ċċertifikati mit-tabib tal-Emerġenza u wara jitħallew jitilqu l-partijiet.

Il-każ odjern jikkomplika ftit aktar ruħu tenut kont tal-fatt li r-Road Traffic Accident Report mhuwiex daqstant ta' għajnuna sabiex tiġi stabbilita l-kawża immedjata tal-inċident. Fl-iskizz tal-Pulizija hemm indikat li ż-żewġ vetturi wara l-ħabta spiċċaw fil-karreġġjata opposta, madwar 30 metru 'l bogħod minn xulxin.

Rinfaċċjata b'tali sitwazzjoni u verżjonijiet hekk dijametrikament opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għall-indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant meta jiġi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Iżda filwaqt li l-korroborazzjoni permezz ta' xhieda oħra f'ħafna każijiet tista' timmilita favur teżi fuq oħra, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn xhieda ta' persuna waħda kontra diversi xhieda, jekk emmnuta mill-Qorti, xorta waħda tista' tkun deċiżiva.

Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ

il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet. Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

[…]

Tqis fl-aħħar nett il-prinċipju legali li jekk xhud wieħed jiġi emmnut, dan jista' jkun biżżejjed għall-Qorti. Wara kollox anki fil-kamp tad-dritt kriminali fejn illivell ta' konvinċiment fil-ġudikant mhux biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, imma irid ikun ogħla minn hekk u lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni, xhud wieħed jista' jkun biżżejjed, jekk jikkonvinċi lill-Qorti dwar il-kredibilità tax-xhieda tiegħu:

[…]

Illi l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 fil-fatt jgħid:

> "… f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

Tali kunsiderazzjoni legali għandha tapplika aktar u aktar fil-kamp tad-dritt ċivili fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.

Applikati dawn il-prinċipji ġuridiċi li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għall-fattispeċji tal-kawża odjerna, tqis illi il-verżjoni tal-attur baqgħet konsistenti mill-mument tal-inċident meta għamel l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija u tul is-smigħ kollu tal-kawża. Min-naħa tiegħu l-konvenut Meir Assouline kulma stqarr mal-Pulizija eżatt wara l-inċident kien li "kont qed insuq biex niġi fejn ir-roundabout ta' San Ġwann u f'ħin minnhom il-vettura l-oħra daħlet ġol-vettura tiegħi." Dwar l-ispeed eċċessiv tal-attur u kif dan f'mument minnhom daħal fil-karreġġjata tiegħu, il-konvenut Meir Assouline ftakar dwar dan wara li ġiet intavolata din il-kawża. Fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, il-konvenut Meir Assouline jgħid li l-attur saħansitra skuża ruħu miegħu eżatt wara l-inċident, bħal donnu ried jimplika li f'dak il-mument l-attur ried jammetti miegħu t-tort, iżda xi ħaġa importanti bħal din ma semmihiex wara l-inċident fl-istqarrija li għamel lill-Pulizija. L-istess konvenut jgħid fl-affidavit tiegħu biex donnu jipprova jissostanzja l-verżjoni tiegħu li:

> "The Mercedes JAZ 012 ended up on the pavement on my side of the road......I must point out that Joseph Azzopardi lost his wheel on impact with my vehicle on my side of the road.... The scratchmarks .... happened after he already lost control of his vehicle after it had impacted with my vehicle and swerved in a circular way first back onto his side of the road (leaving the scratchmarks) and then straight into the wall...."

Tqis illi mhux biss hu inverosimili imma anki impossibli li wara l-impatt il-konvenut Meir Assouline seta' jkompli josserva x'kien qed jiġri warajh filwaqt li hu kien qed jipprova jikkontrolla l-vettura tiegħu, li del resto ma rnexxilux għax daħal ukoll f'ħajt mal-bankina tal-karreġġjata l-oħra.

Anki Donna Ohayon fix-xhieda li tat fil-kawża odjerna, irnexxielha tiftakar ferm aktar milli kienet ftakret fl-istqarrija li għamlet l-isptar lill-pulizija li ttraduċa fir-rapport tiegħu dak li kienet qaltlu illi "kulma niftakar fid-dawra ġie xi ħadd sparat u daħal fil-karozza tagħna." Bħala passiġġiera fis-seat ta' wara fil-vettura tal-konvenut Assouline, fil-ħdax u nofs ta' billejl mhux lakemm tosserva eżattament x'qed jiġri fuq in-naħa ta' quddiem. Però fl-affidavit tagħha tidħol f'ċertu dettall u tgħid li l-vettura l-attur invadiet il-karreġġjata tagħhom u li l-vettura tagħhom kienet il-ħin kollu fil-karreġġjata t-tajba sakemm seħħet il-ħabta. Il-Qorti ma tistax tagħti affidabilità lil din ix-xhieda u lanqas lix-xhieda ta' David Marciano li fil-mument opportun ma kien qal xejn lill-Pulizija, iżda ta l-verżjoni tiegħu l-ewwel darba fil-Qorti biex jikkontradixxi dak li kien qal l-attur fix-xhieda tiegħu.

Elementi oħra indikattivi jirriżultaw mir-ritratti esebiti mill-attur: (a) bħall-barxa friska fil-karreġġjata tal-attur ikkaġunata mill-vettura tiegħu stess għax mal-impatt din spiċċat fuq tliet roti, apparti li mhuwiex minnu li l-konvenut seta' jara l-vettura tal-attur wara l-ħabta reġgħet daħlet fil-karreġġjata tagħha; (b) il-brix fir-roti tax-xellug tal-vettura tal-attur li jikkorrobora dak li qal l-attur li spiċċa jagħfas fuq in-naħa tal-bankina tal-karreġġjata tiegħu; (ċ) il-parts kbar li waqgħu mill-vettura tal-attur fil-karreġġjata tal-attur, bħar-rota ta' quddiem u pjanċa bajda li jidhru fir-ritratti li ppreżenta l-konvenut Assouline. Tqis illi dawn huma kollha indizji li l-impatt sar fil-karreġġjata tal-attur u li għalhekk kienet il-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline li invadiet il-karreġġjata tal-attur eżatt qabel u waqt l-impatt.

Fir-ritratti li esebixxa l-konvenut Meir Assoudine, li ttieħdu ftit wara l-impatt, jidhru tyre marks tal-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline fuq il-karreġġjata tiegħu viċin il-linja l-bajda ta' bejn iż-żewġ karreġġjati, li mbagħad jidhru qed jaqsmu l-imsemmija linja bajda tan-nofs għall-karreġġjata l-oħra. Però wieħed ma jridx jinsa li bl-impatt, li seħħ aktar 'il fuq, il-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline faċilment setgħet intefgħet kemm kemm lura fil-karreġġjata tagħha qabel ma spiċċat totalment fil-karreġġjata opposta.

Dwar il-possibbiltà li l-attur seta' kien qed isuq bi speed eċċessiv, għalkemm ma jirriżultax li kien hemm xi brake marks tal-vettura tal-attur, abbażi tal-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti, li l-kawża prossima tal-inċident kienet il-pożizzjoni żbaljata li kienet fiha l-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline, wieħed irid jara jekk tali veloċità tal-attur setgħetx b'xi mod ħolqot xi self inflicted incapacity fuq l-attur u minħabba f'hemm ma setax jevita tali inċident.

> […]
>
> Illi fil-każ odjern, bid-dinamika tal-inċident kif tirriżulta mill-provi prodotti, id-distanza fil-liwja fejn l-attur seta' jinduna bil-vettura l-oħra fil-karreġġjata żbaljata kienet tant qasira u limitata, li anki kieku dato non concesso l-attur kien qed isuq b'veloċità akbar minn dik li ammetta, dan il-fattur xorta ma setax jikkontribwixxi għall-ħabta għax bi speed ferm inqas, xorta kien fl-impossibilità li jevita l-inċident, għax ma kellux aktar spazju fejn seta' jimmanuvra għax-xellug tal-karreġġjata tiegħu milli kif kien diġà għamel.
>
> […]
>
> Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-kawża prossima u esklussiva tal-inċident inkwistjoni kienet il-pożizzjoni fejn kien qed isuq il-konvenut Meir Assouline fil-karreġġjata żbaljata."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. L-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li t-teżi tal-attur hija suffiċjentement pruvata primarjament għaliex (i) l-attur biddel il-verzjoni tiegħu, (ii) ix-xhieda prodotti mill-konvenuti ma ġewx kontroeżaminati u (iii) il-vettura misjuqa minn Assouline ħalliet *brake marks* li juru li Assouline kien qiegħed isuq fil-karreġġjata t-tajba u li kien l-attur li nvada l-karreġġjata tiegħu.

12. Il-Qorti ma tqisx li l-attur biddel il-verżjoni tiegħu b'mod li x-xhieda tiegħu ma baqgħetx kredibbli. Lill-pulizija l-attur qalilhom hekk "Jien kont gej mid direzzjoni ta San Gwann sejjer lejn Mater dei direzjoni lejn ir roundabout tal palm kif dort id dawra sibt il vettura Mercedes bin numru ACC635 ma wicci u din baqghet diehla head on gol vettura tieghi jien pruvajt nevita u dak il-ħin dawwart l isteering lejn in naha tal-bankina

tkaxkart mal bankina u spiccajt fuq il bankina bid daqqa li taghni.” (*fol.* 6). Fl-affidavit tiegħu l-attur spjega hekk “*Whilst making my way round this bend, never straying from my proper side of the road, I suddenly saw a pair of headlights coming in my side of the road.* […] *To be clear, the first time I saw the other car, it was already driving on my side of the road*.” In kontroeżami mbagħad qal li “…*I never said that on impact they were completely on my lane. They were invading my lane on impact because if they were on land* [*sic*] *they would have hit on totally because it’s on the spot.*” Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan ma jammontax għal tibdil tal-verżjoni tal-attur. L-attur kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu li Assouline nvada l-karreġġjata tiegħu; il-fatt li in kontroeżami speċifika li l-vettura ta’ Assouline ma kinitx kompletament fuq il-karreġġjata tiegħu ma jammontax għal tibdil tal-verżjoni għaliex il-fatt li l-vettura ta’ Assouline kienet biss in parti fuq il-karreġġjata tiegħu ma jfissirx li l-istess vettura ma kinitx qed tinvadi l-karreġġjata tal-attur. Wara kollox, il-fatt li l-vettura ta’ Assouline ma kinitx kompletament fil-karreġġjata tal-attur huwa evidenti mill-fatt li l-kolliżjoni ma kinitx kompletament *head-on.*

13. Fir-rigward imbagħad tal-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti kellha taċċetta t-teżi tagħhom għaliex Assouline u ż-żewġ passiġġieri fil-vettura ma ġewx kontroeżaminati l-Qorti tirrileva li huwa minnu li n-nuqqas ta’ kontroeżami ta’ xhud kapaċi jimmilita ferm kontra l-parti li tkun naqset milli tagħmel il-kontroeżami. Però dan ma jfissirx li għaliex ma sarx kontroeżami l-Ewwel Qorti kellha ta’ bilfors taċċetta fl-għama x-

xhieda tal-persuni msemmija jekk sabet li l-verżjoni tagħhom kienet kontradetta minn provi oħra li jinstabu fl-atti.  Il-Qorti tosserva fil-fatt li minkejja li Assouline u l-passiġġieri fil-vettura tiegħu xehdu li kien l-attur li nvada l-karreġġjata  tagħhom, hemm diversi ndizji oġġettivi li jagħtu ferm aktar kredibbilità lit-teżi tal-attur, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti. L-ewwel nett ix-xhieda tal-attur li huwa għafas lejn il-bankina biex jipprova jevita l-impatt hija kkorroborata mill-fatt li hemm grif fuq ir-roti tan-naħa tal-passiġier tal-vettura tal-attur (*fol.* 58).  Il-Qorti tosserva wkoll li fuq il-karreġġjata  tal-attur hemm marki bojod mal-art, li ġew ikkawżati mill-vettura tal-attur minħabba li kienet tilfet waħda mir-roti ta' quddiem (*fol.* 56), u dan ikompli jikkorrobora t-teżi tal-attur li huwa kien fuq il-karreġġjata  t-tajba u spiċċa fil-karreġġjata  opposta minħabba l-impatt. Il-fatt li dawn il-marki saru bin-naħa tal-lemin tal-vettura u jinsabu sew *entro* l-karreġġjata  tal-attur fil-fehma tal-Qorti huwa prova b'saħħitha ferm favur it-teżi attriċi. Il-Qorti tosserva wkoll li fir-ritratt esebit minn Assouline stess a *fol.* 140 (Dok MA4) tidher ir-rota li waqgħet mill-vettura tal-attur u li tinsab fil-karreġġjata  tal-attur u wkoll pjanċa mill-vettura tal-attur li tinsab eżatt taħt il-bankina.  Dan ir-ritratt għalhekk ikompli jikkorrobora l-verżjoni tal-attur li għafas mal-bankina sabiex jevita l-impatt.  Għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li kien hemm provi oġġettivi li jikkorroboraw it-teżi attriċi.  Fir-rigward tad-*debris* u tal-*brakemarks* tal-vettura misjuqa minn Assouline il-Qorti tqis li dawn jikkonfermaw biss li l-invażjoni tal-karreġġjata  tal-attur minn Assouline

seħħet biss in parti u għalhekk mhumiex sufficjenti sabiex jegħlbu l-provi li għadhom kif issemmew minn din il-Qorti.

14. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

15. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-konvenut Joseph Dorian Fava qatt ma seta' jinstab solidalment responsabbli għad-danni flimkien mas-sewwieq tal-vettura Meir Assouline. Jargumentaw li mill-provi jirriżulta li Fava kien biegħ il-vettura tiegħu lil Assouline, fatt li ġie aċċettat mill-Ewwel Qorti. Jargumentaw li r-responsabbilità solidali tas-sid tal-vettura hija fondata fuq il-fatt li s-sid ikun ippreġudika l-pożizzjoni tat-terz billi t-terz ma jkunx jista' jdur kontra l-assiguratur tal-vettura biex jitħallas għad-danni minnu sofferti. Isostnu li però minħabba żviluppi li saru fil-kuntest tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 84/5/EEC il-vittma għandu kull jedd li jitħallas mill-assikurazzjoni anke jekk il-vettura kienet qed tiġi misjuqa minn terz li mhuwiex sewwieq awtorizzat għaliex klawsoli li jeskludu l-koperatura tal-assigurazzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' talbiet għad-danni minn terzi hu projbit, kif jidher mill-Artikolu 12(3)(a). Jargumentaw li għalhekk l-appellat għandu dritt jitħallas mill-assigurazzjoni li mbagħad ikollha dritt ta' rivalsa, iżda dan il-punt skappa lill-Ewwel Qorti li ma għarfitx li s-sentenza ċitata minnha bl-ismijiet

Isabelle Borg v. Robert Galea ngħatat meta kien hemm viġenti reġim legali differenti. Isostnu li għalhekk l-appellat ma sofra l-ebda ħsara bil-fatt li Assouline ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni u għalhekk Fava qatt ma seta' jinsab responsabbli għaliex huwa ma kkawża l-ebda ħsara. Jargumentaw ukoll li biex persuna tista' titqies solidalment responsabbli għad-danni kkawżati minn sewwieq ta' vettura huwa evidenti li trid tkun għadha s-sid tal-vettura, għaliex huwa biss is-sid tal-vettura li għandu l-poter li jeżerċita xi kontroll fuq il-vettura. Jgħidu li f'din il-kawża rriżulta, u ġie aċċettat mill-Ewwel Qorti, li meta seħħ l-inċident Fava kien biegħ il-vettura lil Assouline, u t-trasferiment tal-vettura jseħħ skont kif jiddisponi l-Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili, u ċioè meta jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u l-prezz, u mhux meta t-trasferiment jiġi rreġistrat mal-Awtorità tat-Trasport.

16. L-appellat iwieġeb li l-appellant Fava ma ressaq l-ebda eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tiegħu li ġaladarba sar il-bejgħ huwa m'għandux jinstab solidalment responsabbli flimkien mal-appellant Assouline iżda biss li huwa ma kienx preżenti fil-mument tal-inċident, u jżid li Fava tant huwa konxju li huwa responsabbli solidalment ma' Assouline li l-konvenuti ressqu appell wieħed. Jargumenta li mill-provi jirriżulta illi nuqqas notevoli ta' Fava kien li ppermetta lil Assouline isuq il-vettura proprjetà tiegħu mingħajr ma kien hemm polza ta' assikurazzjoni valida li tkopri lil Assouline, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkundannatu solidalment ma' Assouline. Jargumenta wkoll li huwa prinċipju assodat

fil-ġurisprudenza li min jippermetti li xi ħadd isuq vettura proprjetà tiegħu mingħajr kopertura valida ta' assikurazzjoni ikun responsabbli b'mod solidali mas-sewwieq u l-vittma tad-danni jista' jdur kemm kontra l-wieħed jew l-ieħor. Jargumenta wkoll li l-provi juru li fil-mument tal-inċident il-vettura kienet proprjetà tal-appellant Fava kif joħroġ ampjament mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u tant din il-vettura kienet proprjetà ta' Fava li aktar minn sena wara sar trasferiment mingħandu għal għand terzi filwaqt li qatt ma sar trasferiment lil Assouline. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li l-attur jista' xorta waħda jirkurpra d-danni mill-kumpanija assikurattiva, l-appellat jargumenta li Fava ma ressaq l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens u lanqas ma semma dan l-argument fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Isostni li f'dan l-istadju dan l-argument ma jreġix għaliex Fava kellu jressqu permezz ta' eċċezzjoni formali u jsejjaħ lill-assikurazzjoni fil-kawża bħala kjamata in kawża, partikolarment ikkonsidrat li fl-*e-mail* mibgħut mill-kumpanija assikurattiva fl-4 ta' Diċembru, 2014, ingħad li l-polza ta' assikurazzjoni "*was not operative at the time of the accident since the driver was not covered by the policy.*"

17. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Kwantu għar-responsabbilità o meno ta' sid il-vettura, il-konvenut Joseph Dorian Fava, li biegħ l-vettura tiegħu lill-konvenut Meir Assouline ftit ġranet qabel l-inċident, fl-ewwel lok il-Qorti tqis illi m'għandhiex għalfejn ma temminx ix-xhieda tal-konvenut Fava, ikkorroborata wkoll mill-konvenut Assouline, li l-vettura inkwistjoni kienet effettivament mibjugħa li Assouline, iżda kien għadu ma sarx it-transfer tagħha. Huwa minnu li mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-

Awtorità għat-Trasport f'Malta rriżulta li l-vettura kienet għadha fuq Joseph Dorian Fava u eventwalment it-transfer tagħha lill-konvenut Assouline baqa' ma sarx u l-vettura kienet ġiet trasferita fit-18 ta' Awwissu, 2015 lil Clinton Farr meta nbiegħet lilu bħala scrap. Tqis din l-ispjegazzjoni bħala plawżibbli, li wara l-inċident inqalgħet kwistjoni bejn iż-żewġ konvenuti u li l-konvenut Assouline kellu ripensament u ma ridx jikkonkludi t-trasferiment ta' karozza mkissra.

Illi b'dawn il-fatti kollha aċċertati u aċċettati, xejn minn dan ma jeżonera lill-konvenut Joseph Dorian Fava milli flimkien mas-sewwieq il-konvenut Meir Assouline jiġi kkundannat in solidum għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur. Filwaqt li l-abbli avukat tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għamlet riferiment ampju għall-każistika tal-Qrati tagħna dwar meta sid ta' vettura iħalli persuna mhux koperta bil-polza tal-assikurazzjoni tuża l-vettura tiegħu, il-konvenut Joseph Dorian Fava isostni li hu effettivament biegħ il-vettura tiegħu lit-terz Meir Assouline,iżda kien għad fadal biss isir it-trasferiment. Fid-dikjarazzjoni tiegħu mar-Risposta Maħlufa, il-konvenut Joseph Dorian Fava jgħid li hu ma kienx obbligat li jara li s-sewwieq tal-vettura kienx effettivament kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Din l-asserzjoni tal-konvenut Fava però mhijiex korretta lanqas għax legalment sid il-vettura kien tenut li jiżgura li ħadd ma jsuq il-karozza reġistrata f'ismu sakemm tkun hekk reġistrata u dan japplika mhux biss meta sellef il-vettura lil xi ħadd mhux kopert bil-polza, iżda anki meta biegħ il-vettura għax xorta kien obbligat li jiżgura sakemm isir it-trasferiment fuq ix-xerrej, dan ma jużax il-vettura jekk mhuwiex kopert bil-polza.

Illi s-sentenza fl-ismijiet Isabelle Borg et vs. Robert Galea et fejn kien ittrattat każ kważi identiku, ingħad is-segwenti:

> "Kif ingħad, il-konvenut George Serracino m'għandux jitqies responsabbli għall-inċident in kwistjoni, però, l-atturi qed jitolbu li hu jiġi kkundannat in solidum għad-danni li jistgħu jirriżultaw peress hu ħalla lill-konvenut Robert Galea isuq l-mutur tiegħu meta dan ma kienx inxurjat biex isuq dak il-mutur. Bħala fatt, jirriżulta mill-provi li Robert Galea kellu liċenzja biex isuq mutur, però, il-mutur in kwistjoni, dak bin-numru FAH 493, proprjetà ta' George Serracino, kien inxurjat biss jekk ikun misjuq minn sidu George Serracino. Il-coverage tal-insurance kienet tkopri lil dak il-mutur biss waqt li jkun qed jiġi misjuq minn George Serracino. Jidher li, qabel l-inċident, dan George Serracino "biegħ" il-mutur lil Robert Galea, però, ma ħax ħsieb jaqleb ir-reġistrazzjoni tal-mutur għal fuq Galea, u lanqas ma ħa ħsieb jara li dak il-mutur ma jinstaqx minn Galea qabel ma jkun reġistrat fuq ismu u kopert b'assigurazzjoni. Fil-fatt, meta seħħ l-inċident, il-mutur inkwistjoni kien għadu reġistrat fuq George Serracino, u kellu insurance coverage għal "owner driven" biss, b'mod, li hemm possibilità li s-soċjetà assikuratriċi ma tonorax id-danni li saritilha wara l-inċident.
>
> Dawn iċ-ċirkustanzi jinvolu lill-istess George Serracino f'responsabilità legali. Dana għalhiex, kif qalet din il-Qorti, fil-kawża "Scerri vs. Ciantar", deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2003, "huwa paċifiku illi, in linea ta' massima ġenerali, sid ta' vettura li tkun involuta f'inċident meta

misjuqha minn terzi ma jwieġibx għad-danni talvolta kaġjonati mis-sewwieq. Bħal kull prinċipju ġenerali ieħor ir-regola ssofri eċċezzjoni bħal per eżempju fejn jirriżulta li l-vettura misjuqha mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorġi r-responsabilità solidali anke ta' sid il-vettura ("Avv. Franz Refalo nomine vs. Paul Caruana", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru, 1995; "E. Micallef vs. Simone Azzopardi", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 7 ta' Ottubru, 1994).

Hekk ukoll fil-kawża "Micallef et vs. Busuttil et", deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2002, il-Qorti żammet is-sid tal-vettura solidarjament responsabbli għad-danni subiti mill-atturi billi l-istess sid ippermetta persuna ssuq il-vettura meta din il-persuna kienet taħt l-età u mingħajr liċenzja, u dana billi kif qalet il-Qorti stess "(is-sid) ippreġudika l-pożizzjoni tat-terz vis a vis kwalunkwe talba għad-danni riżultanti mill-istess inċident".

Fl-istess sens hija d-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 1955, fil-kawża fl-ismijiet "Schembri vs. Davies et". Il-Qorti tista' tagħmel referenza ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fis-7 ta' Marzu, 2006, fil-kawża fl-ismijiet "Fenech vs. Cutajar et", fejn ukoll sid il-vettura instab responsabbli in solidum mas-sewwieq, meta ħalla l-vettura f'idejn terzi, u ma aċċertax ruħu li l-istess terz "kien debitament liċenzjat u kapaċi biex isuq il-vettura". Sid ta' vettura ma jeħlisx mir-responsabbilità fil-konfront ta' dik il-vettura billi jbiegħ l-istess lil terza persuna, iżda is-sid jibqa' mgħobbi b'responsabilitajiet legali sakemm dik il-vettura tibqa' reġistrata fuq ismu. Sakemm dik tibqa' "tiegħu", hu jibqa' responsabbli għall-istess vettura, u responsabbli aktar jekk jiġri inċident meta dik il-vettura tiġi misjuqha minn persuna li m'għandux liċenzja u/jew mhux kopert b'assikurazzjoni.

Kwindi r-responsabilità tiegħu għad-danni hija daqs u in solidum ma' Robert Galea li kienet il-persuna li effettivament ikkaġunat id-danni."

Illi għad li din is-sentenza ġiet in parte ribaltata mill-Qorti tal-Appell, dan ma kienx għar-rigward ta' dan l-insenjament suċitat, iżda abbażi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma minn sid il-vettura Serracino, minħabba li l-Prim'Awla kienet ikkonkludiet li sid il-vettura, filwaqt li kien ċivilment responsabbli in solidum mas-sewwieq, kien ukoll responsabbli mas-sewwieq kriminalment u ddeċidiet li kellha tapplika l-preskrizzjoni kriminali li kienet itwal. Il-Qorti tal-Appell fil-fatt qablet li s-sid il-vettura kien responsabbli in solidum mas-sewwieq:

"38. Il-ħames aggravju tal-appellant George Serracino dwar id-danni jserraħ fuq diversi konsiderazzjonijiet. L-ewwel waħda hi li l-fatti fil-każ Refalo vs. Caruana kienu differenti minn dawk fil-każ odjern. Dan jista' jkun minnu iżda din ma kienetx l-unika sentenza li fuqha straħet l-ewwel Qorti biex ġibdet il-konklużjonijiet tagħha dwar ir-responsabbilità solidali. Di fatti l-ewwel Qorti ċċitat diversi sentenzi oħrajn.

39. Dwar il-konsiderazzjoni li l-appellant Serracino kien tal-fehma li l-mutur kien sar proprjetà ta' Robert Galea li għalhekk fuqu kien jinkombi li jagħmel polza ta' assigurazzjoni din ġià ġiet kunsidrata u riġettata

> minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-raba' aggravju u qed tiġi wkoll riġettata minn din il-Qorti għall-fini ta' dan l-aggravju.
>
> 40 Dwar l-aħħar konsiderazzjoni, kif ġià stabbiliet din il-Qorti ir-responsabbilità solidali għad-danni kaġunati bl-inċident in kwisjoni f'dan il-każ ma temerġix mir-responsabbilità o meno għar-reat ta' omiċidju involontarju iżda mir-responsabbilità għar-reat taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u għalhekk din il-konsiderazzjoni wkoll ma hix fondata. Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, ma jistax jiġi milqugħ."

Illi għaldaqstant fil-każ odjern, fejn ma jinsorġux ebda eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni u fil-fatt l-kawża kemm kontra is-sid tal-vettura u kif ukoll kontra s-sewwieq tal-vettura waqt l-inċident, saret qabel sentejn mid-data tal-inċident, il-konvenut Joseph Dorian Fava għandu jinżamm ċivilment responsabbli in solidum flimkien mal-konvenut Assouline għall-ħlas tad-danni sofferti u ppruvati mill-attur."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Il-Qorti tibda billi tirrileva li mhuwiex minnu li l-argument tal-appellant relattiv għall-Artikolu 12 tal-Kapitolu 104 huwa wieħed ġdid imqajjem biss fl-istadju tal-appell. Jirriżulta anzi li dan l-argument tqajjem mill-appellat Joseph Dorian Fava fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u preċiżament fil-paragrafu numru 33 ta' dik in-nota (*fol.* 192). Lanqas ma huwa minnu li l-konvenut Fava ma ressaqx eċċezzjoni li huwa mhuwiex responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Eċċezzjoni f'dan is-sens fil-fatt ingħatat minnu fit-tieni eċċezzjoni li taqra hekk: "Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ *de quo* il-konvenut Joseph Dorian Fava ma jistax jiġi ritenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, u għalhekk it-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli fil-konfront tal-konvenut Joseph Dorian Fava." Għalkemm huwa minnu li ma ssemmiex l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'din l-eċċezzjoni il-Qorti tqis li dan mhuwiex nuqqas li jippreklud lill-konvenut

Fava milli jressaq argument ibbażat fuq dan l-artikolu favur tiegħu. Apparti li ressaq eċċezzjoni li t-talbiet attriċi huma insostenibbli fir-rigward tiegħu għaliex mhuwiex responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, fid-dikjarazzjoni tal-fatti Fava ddikjara wkoll li dakinhar tal-inċident il-vettura misjuqa minn Assouline kienet fil-fatt koperta minn polza ta' assigurazzjoni. Anke fl-*email* mibgħut minn Tonio Montesin a nom tal-assigurazzjoni ta' Fava (*fol.* 16) jispjega li kien is-sewwieq li ma kienx kopert.

19. Il-Qorti tqis li l-appellanti ma għandhomx raġun meta jargumentaw li fid-dawl tal-Artikolu 12(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta Joseph Dorian Fava m'għandux jiġi kkundannat solidalment mal-konvenut l-ieħor Assouline. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li l-kumpanija assigurattriċi ma tistax tinvoka klawsola li teskludi l-kopertura assigurattiva versu terzi għaliex il-vettura tkun qed tiġi misjuqa minn terz mhux awtorizzat. Però dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-konvenut Fava, fil-mument tal-inċident kien għadu s-sid reġistrat tal-vettura, li ppermetta terz isuq il-vettura li għaliha kien responsabbli meta dan it-terz ma kienx igawdi mill-kopertura tal-assikurazzjoni favur Fava. Hi x'inhi r-responsabbiltà tal-assikurazzjoni għall-ħlas ta' danni f'kaz simili, jibqa' l-fatt illi fil-konfront tal-attur, il-konvenut Fava wera nuqqas serju fir-responsabiltà tiegħu ta' sid il-vettura li jippermetti terz fil-kontroll tal-vettura li biha seħħ l-inċident meta kien jaf jew messu kien jaf li dan is-sewwieq ma kellux kopertura assikurattiva.

Għal din ir-raġuni waħedha tinsorġi responsabbiltà solidali mal-konvenut l-ieħor għall-konsegwenzi kollha naxxenti mill-inċident.

20. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellanti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da